IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 20.4.2004
COM(2004) 275 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-prinċipji, il-prijoritajiet u l-kondizzjonijiet li jinsabu fis-Sħubija Ewropea mal-Kroazja

(ippreżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Kunsill Ewropew ta' SalonkaSalonka tad-19 u ta' l-20 ta' Ġunju 2003 reġa' tenna d-determinazzjoni tiegħu li jagħti appoġġ sħiħ u effettiv għall-perspettiva Ewropea tal-pajjiżi Balkani tal-Punent u ddikjara li "l-pajjiżi Balkani tal-Punent se jsiru parti integrali ta' l-UE, ladarba jilħqu l-kriterji stabbiliti". Huwa approva b'mod uffiċjali l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2003 dwar il-pajjiżi Balkani tal-Punent inkluż l-anness "L-Aġenda ta' Salonka għall-Balkani tal-Punent: il-mixja lejn integrazzjoni Ewropea", li għandu l-għan li jintensifika aktar ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Balkani tal-Punent, fejn jibni wkoll fuq il-prattika li ntużaw fil-proċess tat-tkabbir, fost l-oħrajn permezz ta' l-introduzzjoni ta' Sħubijiet Ewropej. Il-Kummissjoni kienet mistiedna tissottometti l-ewwel sett ta' Sħubijiet Ewropej lill-Kunsill għall-approvazzjoni mar-Rapporti Annwali dwar il-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (SAp - *Stabilisation and Association process*) ta' din is-sena.

Is-Sħubija Ewropea għall-Kroazja hija bbażata fuq id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 533/2004. Telenka prijoritajiet mifruxa fuq medda ta' żmien qasir u medju għall-preparazzjonijiet tal-Kroazja għal integrazzjoni akbar ma' l-Unjoni Ewropea li huma identifikati fl-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Kroazja għal sħubija u ssevi bħala lista ta' verifika li magħha jista' jiġi mkejjel il-progress. Is-Sħubija Ewropea għall-Kroazja tirrifletti l-istadju korrenti tal-preparazzjoni u hija mfassla skond il-ħtiġiet tagħha. Il-Kroazja hija mistennija li tirrispondi għas-Sħubija Ewropea billi tipprepara pjan bi programm u b'dettalji dwar kif biħsiebha tindirizza l-prijoritajiet tas-Sħubija Ewropea. Il-Kummissjoni se tissorvelja l-progress fl-implimentazzjoni tal-prijoritajiet b'mod regolari, speċjalment fir-Rapporti Annwali tas-SAp u permezz ta' l-istrutturi li twaqqfu taħt is-SAp.

Il-prijoritajiet tas-Sħubija Ewropea għandhom ikunu l-bażi ta' l-iprogrammar tar-riżorsi finanzjarji li jifformaw l-assistenza Komunitarja, li se tkompli tkun l-għajnuna provduta fl-istrument(i) finanzjarju(i) eżistenti, b'mod partikolari r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2666/2000 tal-5 ta' Diċembru 2000 (CARDS).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta m'għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja.

Minħabba dan kollu, il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill jadotta d-deċiżjoni mehmuża.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-prinċipji, il-prijoritajiet u l-kondizzjonijiet li jinsabu fis-Sħubija Ewropea mal-Kroazja

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Filwaqt li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Filwaqt li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 533/2004 dwar it-twaqqif tas-Sħubijiet Ewropej fil-qafas tal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

BILLI:

(1) Il-Kunsill Ewropew ta' Salonka tad-19 u ta' l-20 ta' Ġunju 2003 approva b'mod uffiċjali "l-Aġenda ta' Salonka għall-Balkani tal-Punent: il-mixja lejn l-integrazzjoni Ewropea" fejn it-tfassil tas-Sħubijiet Ewropej jissemma bħala wieħed mill-mezzi sabiex jiġi intensifikat il-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 533/2004 jistabbilixxi li l-Kunsill għandu jiddeċiedi, b'maġġoranza kwalifikata u wara proposta mill-Kummissjoni, dwar il-prinċipji, il-prijoritajiet u l-kondizzjonijiet li għandhom ikunu inklużi fis-Sħubijiet Ewropej, kif ukoll kwalunkwe aġġustament li jsir wara.

(3) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 533/2004 jiddikjara li s-segwitu ta' l-implimentazzjoni tas-Sħubijiet Ewropej se tiġi żgurata permezz tal-mekkaniżmi li ġew stabbiliti taħt il-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, speċjalment ir-rapporti Annwali.

(4) L-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Kroazja għal sħubija tippreżenta analiżi tal-preparazzjonijiet tal-Kroazja għal integrazzjoni akbar ma' l-Unjoni Ewropea u tidentifika għadd ta' oqsma prijoritarji għal aktar xogħol.

(5) Sabiex tipprepara għal aktar integrazzjoni ma' l-Unjoni Ewropea, il-Kroazja għandha tiżviluppa pjan bi programm u b'dettalji biex ikunu indirizzati l-prijoritajiet tas-Sħubija Ewropea.

[1] ĠU L

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Skond l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 533/2004, il-prinċipji, il-prijoritajiet u l-kondizzjonijiet fis-Sħubija Ewropea għall-Kroazja huma stabbiliti fl-anness għal din id-Deċiżjoni, li jifforma parti integrali minnha.

Artikolu 2

L-implimentazzjoni tas-Sħubija Ewropea għandha tkun eżaminata permezz tal-qafas tal-mekkaniżmi li ġew stabbiliti taħt il-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Brussell, […]

Għall-Kunsill
Il-President
[…]

ANNESS

1. INTRODUZZJONI

L-Aġenda ta' Salonka għall-Balkani tal-Punent tidentifika l-modi u l-mezzi biex jiġi intensifikat il-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, fost l-oħrajn permezz ta' l-introduzzjoni tas-Sħubijiet Ewropej.

Ibbażat fuq l-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Kroazja għal sħubija, l-għan tas-Sħubija Ewropea għall-Kroazja huwa li jkunu identifikati l-prijoritajiet għall-azzjoni sabiex jingħata appoġġ lill-isforzi fil-mixja eqreb lejn l-Unjoni Ewropea fi ħdan qafas koerenti. Il-prijoritajiet huma adattati għall-ħtiġiet speċifiċi u għall-istadju ta' preparazzjoni tal-Kroazja, u se jiġu aġġornati kif ikun meħtieġ. Is-Sħubija Ewropea tipprovdi wkoll gwida għall-għajnuna finanzjarja lill-Kroazja.

Huwa mistenni li l-Kroazja se tadotta pjan li jinkludi programm u dettalji dwar kif biħsiebha tindirizza l-prijoritajiet tas-Sħubija Ewropea. Il-pjan għandu jindika wkoll modi kif se tkun segwita l-aġenda ta' Salonka, il-prijoritajiet dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni u l-miżuri dwar il-ġestjoni integrata tal-fruntieri li ġew ippreżentati fil-laqgħa ministerjali tal-JHA li saret fi Brussell fit-28 ta' Novembru 2003 fil-qafas tal-Forum dwar l-UE u l-Balkani tal-Punent.

2. IL-PRINĊIPJI

Il-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jibqa' l-qafas għat-triq Ewropea tal-pajjiżi Balkani tal-Punent, li għad twassalhom lejn l-adeżjoni futura tagħhom.

Il-prijoritajiet ewlenin li ġew identifikati għall-Kroazja għandhom x'jaqsmu mal-kapaċità tagħha li tilħaq il-kriterji li ġew stabbiliti mill-Kunsill Ewropew ta' Kopenħagen ta' l-1993 u l-kondizzjonijiet li ġew stabbiliti għall-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, speċjalment il-kondizzjonijiet iddefiniti mill-Kunsill fil-Konklużjonijiet tiegħu tad-29 ta' April 1997 u tal-21-22 ta' Ġunju 1999, il-kontenut tad-dikjarazzjoni finali tas-Summit ta' Żagreb ta' l-24 ta' Novembru 2000 u l-aġenda ta' Salonka.

3. IL-PRIJORITAJIET

Is-Sħubija Ewropea tindika l-oqsma prijoritarji ewlenin għall-preparazzjonijiet tal-Kroazja għal integrazzjoni akbar ma' l-Unjoni Ewropea, ibbażati fuq l-analiżi fl-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Kroazja għal sħubija. Il-prijoritajiet li huma elenkati f'din is-Sħubija Ewropea intgħażlu fuq il-bażi li huwa realistiku li wieħed jistenna li l-Kroazja tista' tilħaqhom jew li tmexxihom sostanzjalment 'il quddiem fis-snin li ġejjin. Hemm distinzjoni bejn il-prijoritajiet mifruxa fuq medda qasira ta' żmien mistennija li jintlaħqu fi żmien sena jew tnejn, u l-prijoritajiet mifruxa fuq medda medja ta' żmien mistennija li jintlaħqu fi żmien tliet snin jew erbgħa.

Ta' min jiftakar li fejn għandha x'taqsam l-approssimazzjoni leġiżlattiva, l-inkorporazzjoni ta' l-*acquis* fil-leġiżlazzjoni mhix biżżejjed fiha nfisha; se jkun ukoll meħtieġ li ssir preparazzjoni għall-implimentazzjoni sħiħa tiegħu.

3.1. IL-PRIJORITAJIET MIFRUXA FUQ MEDDA QASIRA TA' ŻMIEN

IL-KRITERJI POLITIĊI

ID-DEMOKRAZIJA U L-ISTAT TAD-DRITT

• ***Saħħaħ is-sistema ġudizzjarja***. Żviluppa u implimenta strateġija komprensiva għar-riforma ġudizzjarja b'konsultazzjoni ma'korpi interessati, inkluża l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida meħtieġa u t-twaqqif ta' sistema tal-ġestjoni tal-karrieri li tinkludi wkoll sistema miftuħa, ġusta u trasparenti għar-reklutaġġ, għall-evalwazzjoni u għall-mobilità. Tejjeb il-professjonaliżmu fil-ġudikatura billi tkun żgur minn fondi Statali xierqa għall-istituzzjonijiet tat-taħriġ ta' l-imħallfin u ta' l-uffiċjali ġudizzjarji l-oħrajn, sabiex tkun tista' tiżviluppa taħriġ ta' kwalità għolja għall-imħallfin, għall-prosekuturi u għall-istaff amministrattiv. Ipprovdi għal skemi xierqa ta' taħriġ inizjali u vokazzjonali. Indirizza l-problema tax-xogħol b'lura fil-qrati. Ħu miżuri biex tkun żgur minn esekuzzjoni xierqa u sħiħa tad-deċiżjonijiet tal-qrati.

• ***Tejjeb il-ġlieda kontra l-korruzzjoni.*** Ħu passi biex tkun żgur li l-qafas legali għat-taqbida kontra l-korruzzjoni jiġi implimentat u infurzat. Saħħaħ b'mod partikolari l-kapaċità amministrattiva u operattiva ta' l-Uffiċċju għas-Soppressjoni tal-Korruzzjoni u tal-Kriminalità Organizzata (USKOK). Żviluppa aktar l-istrateġija nazzjonali għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u pprovdi l-koordinazzjoni meħtieġa fost id-dipartimenti u l-korpi governattivi rilevanti fejn għandha x'taqsam l-implimentazzjoni ta' l-azzjoni. Introduċi kodiċijiet ta' kondotta/ta' etika għal uffiċjali u għal rappreżentanti eletti. Ħu azzjonijiet konkreti sabiex tqajjem għarfien dwar il-korruzzjoni bħala offiża kriminali serja.

• ***Tejjeb il-ħidma ta' l-amministrazzjoni pubblika*** – Ħu l-passi inizjali sabiex tiżgura l-użu ta' proċeduri trasparenti għar-reklutaġġ u għall-promozzjoni u biex ittejjeb l-amministrazzjoni tar-riżorsi umani fil-korpi kollha ta' l-amministrazzjoni pubblika sabiex tiġi żgurata r-responsabbiltà, l-onestà u t-trasparenza tas-servizz pubbliku.

ID-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM U L-ĦARSIEN TAL-MINORANZI

• ***Tejjeb ir-rispett għad-drittijiet tal-minoranzi***. Żgura l-implimentazzjoni tal-Liġi Kostituzzjonali dwar il-Minoranzi Nazzjonali. B'mod partikolari żgura r-rappreżentazzjoni proporzjonali tal-minoranzi f'unitajiet ta' awtogvernar lokali u reġjonali, fl-amministrazzjoni Statali u fil-korpi ġudizzjarji, u fil-korpi ta' l-amministrazzjoni pubblika kif inhuma rregolati mil-Liġi. Ipprovdi l-mezzi meħtieġa, inkluži fondi adegwati, biex tiżgura l-ħidma xierqa ta' Kunsilli ta' Minoranzi eletti. Implimenta l-istrateġija l-ġdida għall-ħarsien u għall-integrazzjoni tar-Roma.

• ***Ħaffef ir-ritorn tar-rifuġjati.*** Lesti l-ipproċessar tat-talbiet għar-*rikostruzzjoni tad-djar* li kienu diġà tressqu sa April 2004; erġa' ibni d-djar kollha li għalihom hemm deċiżjoni pożittiva sa April 2005; żgura kampanja ta' għarfien tal-pubbliku adegwata għall-benefiċjarji potenzjali, wara li jerġa' jinfetaħ il-perjodu li fih iridu jitressqu t-talbiet għar-rikostruzzjoni mill-1 ta' April sat-30 ta' Settembru 2004. Lesti *l-irkupru tad-djar* sa Ġunju 2004. Implimenta l-leġiżlazzjoni għall-kumpens ta' *drittijiet ta' kirja/okkupazzjoni* li ntilfu ġewwa u barra ż-żoni ta' interess Statali speċjali. Oħloq kondizzjonijiet soċjali u ekonomiċi biex ittejjeb il-klima għal dawk li jirritornaw u l-aċċettazzjoni ta' dawk li jirritornaw mill-komunitajiet li jilqgħuhom. Tejjeb il-kooperazzjoni reġjonali biex tħaffef il-proċess tar-ritorn tar-rifuġjati.

• ***Tejjeb il-libertà ta' l-espressjoni u żgura l-ħidma demokratika tal-medja***. Irrivedi l-leġiżlazzjoni dwar il-medja skond ir-rakkomandazzjonijiet li ġew ifformulati fi Frar 2004 mill-missjoni esperta konġunta tal-Kunsill ta' l-Ewropa, tal-Kummissjoni Ewropea u ta' l-OSCE. B'mod partikolari, irrivedi l-Att dwar il-Medja Elettronika sabiex jitwaqqaf qafas regolatorju trasparenti, prevedibbli u effettiv (li jinkludi l-allinjament progressiv ma' l-*acquis* ta' l-UE permezz ta' l-implimentazzjoni sħiħa tal-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar it-Televiżjoni li taqsam il-Fruntieri li diġà ġiet ratifikata; żgura l-indipendenza politika u finanzjarja tal-Kunsill għall-Medja Elettronika; żgura li r-Radju u t-Televiżjoni Kroata u l-Kunsill dwar il-Programm tiegħu jaħdmu b'mod indipendenti u jibqgħu stabbli filwaqt li jiġi rivedut l-Att dwar ir-Radju u t-Televiżjoni Kroata; żgura li r-reviżjoni ta' l-Att dwar il-Medja u l-leġiżlazzjoni dwar id-defamazzjoni jirreflettu l-istandards Ewropej kif inhuma ddefiniti fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

• ***Tejjeb il-kooperazzjoni ma' l-Ombudsman*** filwaqt li tqis sew is-sejbiet li huma espressi fir-rakkomandazzjonijiet u fir-rapport annwali tiegħu.

IL-KOOPERAZZJONI REĠJONALI

• ***Żgura l-kooperazzjoni sħiħa ma' l-ICTY***.

• ***Tejjeb il-kooperazzjoni reġjonali***. Aħdem biex issib soluzzjonijiet definittivi għall-kwistjonijiet bilaterali pendenti, b'mod partikolari kwistjonijiet dwar il-fruntieri mas-Slovenja, mas-Serbja u mal-Montenegro u l-Bosnija u l-Ħerzegovina. Żgura l-implimentazzjoni tal-ftehimiet reġjonali kollha dwar kummerċ ħieles. Ikkonkludi u implimenta sett ta' ftehimiet mal-pajjiżi ġirien fl-oqsma tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-ġestjoni tal-fruntieri u d-dħul mill-ġdid. Ibda implimenta l-Memorandum ta' Spjegazzjoni dwar l-Iżvilupp tan-Netwerk Prinċipali tat-Trasport Reġjonali ta' l-Ewropa tax-Xlokk u b'mod partikolari ħu l-miżuri biex twaqqaf il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni, jiġifieri l-Kumitat tat-Tmexxija u l-Osservatorju tat-Trasport ta' l-Ewropa tax-Xlokk (SEETO - *South East Europe Transport Observatory*). Agħmel progress billi tissodisfa l-impenji taħt il-Memoranda ta' l-2002 u ta' l-2003 tal-proċess ta' Ateni dwar is-Suq Reġjonali ta' l-Enerġija fl-Ewropa tax-Xlokk.

• ***Żgura l-implimentazzjoni xierqa tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni reġjonali.*** Ikkonkludi n-negozjati ma' l-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja dwar il-konvenzjoni bilaterali għal kooperazzjoni reġjonali.

IL-KRITERJI EKONOMIĊI

• ***Sostni politika makroekonomika prudenti u orjentata lejn l-istabbiltà***, li tinkludi l-iżvilupp ta' strumenti monetarji bbażati fuq is-suq biex itejbu l-effikaċja tal-politika monetarja.

• ***Aċċelera r-ristrutturar u l-privatizzazzjoni ta' l-intrapriżi***. Neħħi l-inċertezzi permezz ta' l-adozzjoni pronta tal-leġiżlazzjoni pendenti. Aċċelera r-ristrutturar u l-privatizzazzjoni ta' intrapriżi kollettivi. Żviluppa u adotta strateġiji għar-ristrutturar u għall-privatizzazzjoni jew għal-likwidazzjoni ta' intrapriżi pubbliċi kbar, b'mod partikolari fil-manufattura, fl-agrikoltura, fit-trasport, fit-turiżmu u fis-servizzi ta' utilità pubblika. Adotta u ibda l-implimentazzjoni ta' programm ta' ristrutturar fis-settur ta' l-azzar skond ir-rekwiżiti ta' l-UE.

• ***Naqqas l-ostakli għad-dħul fis-suq u l-ħruġ minnu***. Issemplifika r-regoli għad-dħul fis-suq u għall-ħruġ minnu ta' l-intrapriżi. B'mod partikolari għaġġel il-proċeduri ta' reġistrazzjoni u tejjeb l-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-falliment.

• ***Għaġġel ir-riforma ta' l-art***, u b'mod partikolari r-reġistrazzjoni u l-privatizzazzjoni ta' l-art agrikola, billi jitwaqqfu l-katast u r-reġistri ta' l-artijiet moderni u effiċjenti biex jeliminaw l-ostakoli korrenti għall-iżvilupp tas-swieq ta' l-art u tad-djar.

• ***Adotta qafas fiskali mifrux fuq medda medja ta' żmien*** li jirrifletti aġġustament u konsolidament fiskali kontinwi.

• ***Kompli r-riformi strutturali fil-finanzi pubbliċi***, b'mod partikolari fil-qasam tal-ġestjoni ta' l-infiq. Waqqaf kapaċità għall-ġestjoni tad-dejn li tkun trasparenti u effiċjenti.

L-ABILITÀ LI TASSUMI L-OBBLIGI TAS-SĦUBIJA

IS-SUQ INTERN U L-KUMMERĊ

• ***Il-moviment liberu tal-prodotti*** – Irristruttura l-qafas istituzzjonali eżistenti sabiex tikkompleta s-separazzjoni meħtieġa bejn il-funzjonijiet regolatorji, ta' akkreditament, ta' standardizzazzjoni u ta' ċertifikazzjoni tal-prodott. Kompli x-xogħol dwar it-traspożizzjoni tad-direttivi tal-metodu l-qadim u dawk tal-metodu l-ġdid.
Ħassar il-miżuri li jifdal li għandhom effett ekwivalenti għar-restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjonijiet mill-UE.
Stabbilixxi l-istrutturi amministrattivi meħtieġa sabiex tiżgura metodu komprensiv biex tittejjeb is-sigurtà ta' l-ikel fil-katina kollha ta' l-ikel.
Żgura li reġim tax-xiri pubbliku effettiv u trasparenti isir operattiv għal kollox u adotta ir-regolamenti ta' implimentazzjoni meħtieġa.

• ***Il-libertà li jkunu provduti s-servizzi*** – Saħħaħ il-qafas regolatorju u amministrattiv għas-superviżjoni tas-servizzi finanzjarji u b'mod partikolari tas-suq ta' l-assigurazzjonijiet, tas-servizzi ta' l-investiment u tas-swieq tat-titoli.
Waqqaf awtorità indipendenti tas-superviżjoni fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data* personali.

• ***Il-moviment liberu tal-kapital*** – Tejjeb il-leġiżlazzjoni kontra l-*ħasil tal-flus* u lesti t-twaqqif ta' sistema effettiva kontra l-*money laundering*.

• ***Il-liġi dwar il-kumpaniji*** – Kompli l-allinjament leġiżlattiv sabiex tiggarantixxi livell ta' ħarsien tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, industrijali u kummerċjali li huwa simili għal dak li jeżisti fil-Komunità u saħħaħ il-kapaċità amministrattiva biex tipprovdi mezzi effettivi sabiex tinforza drittijiet ta' din ix-xorta.

• ***Il-kompetizzjoni*** – Kompli l-allinjament ma' l-*acquis*, inforza l-leġiżlazzjoni dwar l-*anti-trust* u dwar l-għajnuna Statali u adotta r-regolamenti ta' implimentazzjoni rilevanti. Saħħaħ il-kapaċità amministrattiva u l-indipendenza ta' l-Aġenzija għall-Ħarsien tal-Kompetizzjoni tas-Suq, kemm fil-qasam ta' l-għajnuna Statali kif ukoll f'dak ta' l-*anti-trust*. Tejjeb it-trasparenza fil-qasam ta' l-għajnuna Statali, fost l-oħrajn billi tgħaddi rapport annwali regolari lill-Komunità Ewropea, u waqqaf inventarju komprensiv ta' l-iskemi ta' l-għajnuna Statali.

• ***It-tassazzjoni*** – Ibda rrevedi l-leġiżlazzjoni preżenti dwar it-taxxi u l-proċeduri amministrattivi sabiex tiżgura l-inforzar effettiv tal-leġiżlazzjoni dwar it-taxxi.

Saħħaħ il-kapaċità ta' l-amministrazzjonijiet tat-taxxi u tad-dwana, b'mod partikolari fejn għandhom x'jaqsmu l-funzjonijiet ta' ġbir u ta' kontroll; oħloq servizz tas-sisa li jaħdem u li għandu biżżejjed impjegati; issemplifika l-proċeduri biex tittieħed azzjoni effettiva kontra l-frodi fiskali.
Ibda żviluppa s-sistemi meħtieġa ta' l-IT sabiex taħseb għall-iskambju tad-data elettronika mal-Komunità u ma' l-Istati Membri tagħha.

• ***L-Unjoni Doganali*** – Saħħaħ il-kapaċità amministrattiva u operattiva tas-servizzi doganali, b'mod partikolari fejn għandu x'jaqsam il-kontroll tar-regoli preferenzjali ta' l-oriġini, u kompli l-allinjament mal-Kodiċi Doganali ta' l-UE.
Tejjeb aktar il-kooperazzjoni amministrattiva fis-settur doganali skond il-Ftehim Interim.

• ***Ir-relazzjonijiet esterni*** – Lesti n-negozjati dwar l-adattament tas-SAA/tal-Ftehim Interim għat-tkabbir ta' l-UE fl-1 ta' Mejju 2004 u implimenta dawn it-tibdiliet b'mod xieraq.

IL-POLITIKA SETTORALI

• ***L-Agrikoltura*** – Ibda waqqaf sistema xierqa ta' identifikazzjoni tal-pakketti ta' l-art u sistema ta' identifikazzjoni ta' l-annimali skond l-*acquis*. Irrinforza il-ġbir u l-ipproċessar ta' l-istatistika agrikola skond l-istandards u l-metodoloġija ta' l-UE.
Żviluppa strateġija biex tistabbilixxi korpi effettivi u finanzjarjament sodi għall-ħlasijiet għall-ġestjoni u l-kontroll tal-fondi agrikoli, skond ir-rekwiżiti ta' l-UE u skond l-istandards internazzjonali ta' verifika.
Irrinforza l-istrutturi amministrattivi li huma meħtieġa biex tkun stabbilita strateġija għall-iżvilupp rurali kif ukoll strumenti tal-politika għat-tfassil, l-implimentazzjoni, il-ġestjoni, il-monitoraġġ, il-kontroll u l-evalwazzjoni tal-programmi ta' żvilupp rurali.
Kompli l-allinjament ma' l-*acquis* fis-settur veterinarju u fitosanitarju, aġġorna l-arranġamenti ta' spezzjoni, immodernizza l-impjanti tal-laħam u tal-prodotti tal-ħalib sabiex tilħaq l-istandards ta' l-UE dwar l-iġjene u s-saħħa pubblika. Allinja r-reġim dwar l-importazzjonijiet għall-annimali ħajjin u għall-prodotti ta' l-annimali ma' l-obbligi sanitarji u fitosanitarji internazzjonali (SPS - *sanitary and phytosanitary*) u ma' l-*acquis* ta' l-UE.

• ***Is-sajd*** – Ibda waqqaf strutturi amministrattivi u ta' spezzjoni xierqa għall-politika tas-sajd. Evalwa flimkien mal-Kummissjoni Ewropea u ma' pajjiżi ġirien li huma interessati, b'mod partikolari is-Slovenja u l-Italja, il-konsegwenzi ta' l-attivitajiet tas-sajd fiż-"Żona Ekoloġika u tas-Sajd", li l-Kroazja ddikjarat b'mod unilaterali f'Ottubru 2003, bl-għan li jkunu elaborati soluzzjonijiet xierqa biex tkun żgurata l-kontinwità ta' l-attivitajiet Komunitarji tas-sajd fl-ilmijiet tas-sajd Kroati.

• ***It-trasport*** – Kompli l-allinjament leġiżlattiv u saħħaħ il-kapaċità amministrattiva fis-settur ta' l-avjazzjoni. Innegozja mal-Komunità dwar ftehim komprensiv għall-avjazzjoni li jipprovdi aċċess reċiproku għas-suq ta' l-avjazzjoni.

• ***L-istatistika*** – Saħħaħ il-kapaċità amministrattiva ta' l-Awtorità Kroata ta' l-Istatistika u tejjeb il-kooperazzjoni ma' produtturi oħrajn ta' statistika uffiċjali fil-Kroazja. Ressaq proposta ġdida għal reġjuni statistiċi, skond ir-rekwiżiti ta' l-UE, quddiem il-Kummissjoni.

• ***It-teknoloġiji tat-telekomunikazzjoni u ta' l-informazzjoni*** – Saħħaħ il-kapaċità ta' l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali fl-oqsma tat-telekomunikazzjoni u tas-servizzi postali u żgura l-indipendenza tagħhom.

• ***L-ambjent*** – Żviluppa leġiżlazzjoni orizzontali, inkluż dwar valutazzjoni ta' l-impatt ambjentali u l-parteċipazzjoni pubblika.
Saħħaħ il-kapaċità amministrattiva fuq livell nazzjonali u reġjonali biex tiżgura l-ippjanar, li jinkludi l-preparazzoni ta' strateġiji finanzjarji.
Saħħaħ il-kapaċità tas-servizzi ta' spezzjoni nazzjonali u reġjonali u agħtihom l-opportunità jinforzaw b'mod effettiv il-leġiżazzjoni ambjentali.
Adotta u ibda implimenta pjan ta' l-amministrazzjoni ta' l-iskart.

• ***Il-kontroll finanzjarju*** – Żviluppa politika għat-twaqqif ta' sistema ta' Kontroll Intern tal-Finanzi Pubbliċi (PIFC - *Public Internal Financial Control*). Waqqaf jew irrinforza funzjonijiet ta' kontroll intern pubbliku billi jkunu provduti staff, taħriġ u tagħmir xieraq, inklużi unitajiet ta' verifika interna li huma indipendenti fil-ħidma tagħhom.
Waqqaf proċeduri effettivi għall-iskoperta, għat-trattament u għas-segwitu finanzjarju, amministrattiv u ġudizzjarju ta' l-irregolaritajiet li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet.

IL-KOOPERAZZJONI FIL-ĠUSTIZZJA U FL-AFFARIJIET INTERNI

• ***Il-ġestjoni tal-fruntieri*** – Saħħaħ il-ġestjoni tal-fruntieri fejn tiġi rinforzata b'mod partikolari s-sorveljanza tal-fruntieri marittimi; adotta u implimenta strateġija ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri; żid l-investimenti fit-tagħmir tekniku u fl-infrastruttura; saħħaħ it-taħriġ speċjalizzat ta' l-uffiċjali tal-fruntieri.
B'koordinazzjoni ma' l-aġenziji kollha rilevanti, implimenta l-miżuri li ġew adottati mill-Gvern u li kienu ppreżentati fil-laqgħa tal-ministri tal-JHA fil-qafas tal-Forum ta' l-UE u tal-Balkani tal-Punent fit-28 ta' Novembru 2003.

• ***Il-kriminalità organizzata, id-droga, il-korruzzjoni u t-terroriżmu*** – Implimenta l-miżuri li huma orjentati lejn l-azzjoni li kienu adottati mill-Gvern u li ġew ippreżentati fil-laqgħa tal-ministri tal-JHA fil-qafas tal-Forum ta' l-UE u tal-Balkani tal-Punent fit-28 ta' Novembru.
Tejjeb il-koordinazzjoni bejn il-korpi għall-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura, b'mod partikolari fejn għandhom x'jaqsmu l-kriminalità ekonomika, il-frodi, il-ħasil tal-flus u l-korruzzjoni; irrinforza l-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga u saħħaħ il-prevenzjoni tad-droga u t-tnaqqis tat-talba għad-droga; saħħaħ il-kapaċità amministrattiva ta' l-Uffiċċju għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni u tal-Kriminalità Organizzata (USKOK).
Kompli pprepara għall-konklużjoni ta' ftehim ta' kooperazzjoni mal-Europol.
Żid il-kooperazzjoni internazzjonali u l-implimentazzjoni sħiħa tal-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti li għandhom x'jaqsmu mat-terroriżmu; tejjeb il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-pulizija u s-servizzi ta' l-intelliġenza fl-Istat u ma' Stati oħrajn; irrinforza l-prevenzjoni tal-finanzjament u tal-preparazzjoni ta' atti ta' terroriżmu.

• ***Il-migrazzjoni u l-kenn politiku*** – Implimenta il-leġiżlazzjoni l-ġdida dwar il-kenn politiku, li tinkludi t-twaqqif ta' ċentru temporanju ta' lqugħ.

3.2. IL-PRIJORITAJIET MIFRUXA FUQ MEDDA MEDJA TA' ŻMIEN

IL-KRITERJI POLITIĊI

ID-DEMOKRAZIJA U L-ISTAT TAD-DRITT

• ***Saħħaħ aktar is-sistema ġudizzjarja***. Kompli bl-implimentazzjoni tar-riforma ġudizzjarja u ħu miżuri biex tnaqqas aktar ix-xogħol b'lura għall-każijiet fil-qrati kollha; irrazzjonalizza l-organizzazzjoni tal-qrati inkluż l-iżvilupp ta' sistemi moderni tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni u livell xieraq ta' staff amministrattiv; żgura l-infurzar regolari u effettiv tad-deċiżjonijiet tal-qrati; żgura l-aċċess għall-ġustizzja u għall-għajnuna legali u agħmel disponibbli r-riżorsi baġitarji korrispondenti; tejjeb it-taħriġ fil-leġiżlazzjoni ta' l-UE.

• ***Tejjeb aktar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni***. Rawwem progress akbar fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u implimenta il-leġiżlazzjoni relatata. B'mod partikolari, waqqaf unitajiet speċjalisti għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni fi ħdan is-servizzi xierqa u pprovdihom b'taħriġ u b'riżorsi xierqa. Żgura li jintlaħqu l-istandards imwaqqfa minn strumenti internazzjonali, billi jkun hemm miżuri leġiżlattivi u amministrattivi xierqa.

• ***Tejjeb aktar il-ħidma ta' l-amministrazzjoni pubblika***. Kompli l-proċess tal-bini ta' l-istituzzjonijiet li huma direttament rilevanti għall-*acquis* u introduċi r-riformi biex ittejjeb l-effikaċja ta' l-amministrazzjoni pubblika b'mod ġenerali. Kompli bil-proċess ta' denazzjonalizzazzjoni.

ID-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM U L-ĦARSIEN TAL-MINORANZI

• ***Żgura r-rispett kontinwu għad-drittijiet tal-minoranzi.*** Kompli tejjeb is-sitwazzjoni tar-Roma permezz ta' implimentazzjoni msaħħa ta' l-istrateġija rilevanti, fost l-oħrajn billi tipprovdi l-appoġġ finanzjarju meħtieġ fuq il-livelli nazzjonali u lokali, miżuri kontra d-diskriminazzjoni mmirati biex irawmu opportunitajiet għal impjieg, aċċess akbar għall-edukazzjoni u titjib fil-kondizzjonijiet tad-djar.

• ***Lesti l-proċess tar-ritorn tar-rifuġjati*** permezz ta' implimentazzjoni xierqa u f'waqtha tal-leġiżlazzjoni rilevanti. Żgura r-reintegrazzjoni ekonomika u soċjali ta' dawk li jirritornaw permezz ta' programmi ta' żvilupp reġjonali fiż-żoni affettwati.

IL-KOOPERAZZJONI REĠJONALI

• ***Tejjeb aktar il-kooperazzjoni reġjonali.*** Fejn għandu x'jaqsam il-proċess ta' Ateni dwar is-Suq Regjonali ta' l-Enerġija fl-Ewropa tax-Xlokk, ipprepara għat-twaqqif ta' suq ta' l-enerġija reġjonali integrat fl-2005.

IL-KRITERJI EKONOMIĊI

• ***Tejjeb aktar il-kondizzjonijiet għall-intrapriżi privati***. Agħmel progress sostanzjali fil-proċess tal-privatizzazzjoni u kompli l-isforzi biex ittejjeb il-kondizzjonijiet għall-ħolqien u għall-iżvilupp ta' l-intrapriżi privati. Agħmel progress sostanzjali fil-qasam tar-ristrutturar ta' l-intrapriżi l-kbar.

• ***Lesti r-riforma ta' l-art***, b'enfasi partikolari fuq ir-reġistrazzjoni u l-privatizzazzjoni ta' l-art agrikola.

• ***Kompli r-riforma tas-suq tax-xogħol.*** Kompli l-isforzi biex ittejjeb ir-rata ta' reazzjoni tas-suq tax-xogħol u żid il-parteċipazzjoni tal-forza tax-xogħol.

• ***Kompli bl-implimentazzjoni ta' qafas fiskali sostenibbli mifrux fuq medda medja ta' żmien*** permezz ta' tnaqqis kontinwu tan-nefqa pubblika ġenerali bħala sehem mill-PGD. Agħti prijorità fin-nefqa pubblika lill-ħelsien tar-riżorsi għan-nefqa relatata ma' l-*acquis,*

inkluża r-riforma tas-sistema tal-kura tas-saħħa u tal-pensjonijiet. Kompli naqqas is-sussidji lill-intrapriżi l-kbar li ma jagħmlux qligħ. Fuq din il-bażi, naqqas aktar id-defiċit ġenerali tal-gvern u l-piż tad-dejn tas-settur pubbliku.

L-ABILITÀ LI TASSUMI L-OBBLIGI TAS-SHUBIJA

IS-SUQ INTERN U L-KUMMERĊ

- ***Il-moviment liberu tal-prodotti*** – Agħmel progress sostanzjali fit-traspożizzjoni tad-direttivi tal-metodu l-qadim u dawk tal-metodu l-ġdid u fl-adozzjoni ta' l-istandards Ewropej. Kompli allinja l-leġiżlazzjoni Kroata dwar l-ikel u saħħaħ l-istrutturi ta' implimentazzjoni meħtieġa.
Implimenta reġim ta' xiri pubbliku li jiddisponi mill-istrutturi amministrattivi kollha li huma rilevanti u agħmel progress sostanzjali fix-xogħol lejn allinjament komplet ma' l-*acquis*.

- ***Il-moviment liberu tal-persuni*** – Kompli l-allinjament ma' l-*acquis* dwar l-għarfien reċiproku tal-kwalifiki u tad-diplomi professjonali, inklużi dispożizzjonijiet dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ, żviluppa aktar l-istrutturi amministrattivi meħtieġa.
Neħħi kwalunkwe miżura diskriminatorja għall-ħaddiema migranti ta' l-UE u għaċ-ċittadini ta' l-UE; irrinforza l-istrutturi amministrattivi għall-koordinazzjoni ta' l-iskemi tas-sigurtà soċjali.

- ***Il-libertà li jkunu provduti s-servizzi*** – Neħħi l-ostakoli li fadal biex jiġu stabbiliti u jiġu provduti servizzi transkonfinali minn persuni naturali jew legali mill-UE.
Kompli l-allinjament ta' leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data; saħħaħ u żgura l-indipendenza ta' l-awtorità tas-superviżjoni.

- ***Il-moviment liberu tal-kapital*** – Aħdem biex tneħħi r-restrizzjonijiet li fadal fuq il-movimenti tal-kapital; kompli l-allinjament ta' leġiżlazzjoni dwar is-sistemi tal-ħlas u żgura implimentazzjoni effettiva.
Saħħaħ il-kapaċità amministrattiva ta' l-unità ta' l-intelliġenza finanzjarja u tejjeb il-kooperazzjoni tagħha ma' istituzzjonijiet oħrajn li huma involuti fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus.

- ***Il-liġi dwar il-kumpaniji*** – Lesti l-allinjament fil-qasam tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u industrijali u saħħaħ l-infurzar fil-ġlieda kontra l-piraterija u l-falsifikazzjoni.

- ***Il-kompetizzjoni*** – Irrinforza l-awtorità ta' l-*anti-trust* u ta' l-għajnuna Statali u ibni rekord kredibbli ta' infurzar. Tejjeb b'mod sostanzjali t-trasparenza fil-qasam ta' l-għajnuna Statali. Żviluppa taħriġ dwar il-liġi u l-politika tal-kompetizzjoni fuq il-livelli kollha ta' l-amministrazzjoni u tal-ġudikatura.

- ***It-tassazzjoni*** – Kompli x-xogħol biex jintemm l-allinjament ma' l-*acquis* dwar it-taxxa fejn għandhom x'jaqsmu l-VAT u d-dazji tas-sisa, b'attenzjoni partikolari biex jiġu inklużi ż-żoni ħielsa fl-applikazzjoni territorjali tal-VAT u biex jitneħħew ir-rati żero eżistenti tal-VAT u t-taxxa fuq il-bejgħ.
Intrabat bil-prinċipji tal-Kodiċi ta' Kondotta għat-tassazzjoni kummerċjali u żgura li l-miżuri l-ġodda tat-taxxa huma skond dawn il-prinċipji.
Kompli saħħaħ l-amministrazzjoni tat-taxxi – inkluż is-settur ta' l-IT – u żgura l-ħidma xierqa tagħha sabiex jintlaħqu l-istandards ta' l-UE u l-interkonnettività tas-sistemi ta' l-IT. Żviluppa u implimenta Kodiċi ta' l-Etika.

• ***L-Unjoni doganali*** – Saħħaħ u kkonsolida l-kapaċità amministrattiva u operattiva tas-servizzi doganali. Espandi t-taħriġ ta' l-istaff kollu u żid l-użu tat-teknoloġiji ta' l-informazzjoni, li t-tfassil u l-użu tagħhom għandhom ikunu kompatibbli mas-sistemi ta' l-UE sabiex tkun żgurata l-interkonnettività. Żviluppa u implimenta Kodiċi ta' l-Etika għas-servizz doganali. Saħħaħ il-verifiki u l-użu tal-valutazzjoni tar-riskju u s-selettività.
Mexxi l-allinjament fl-oqsma taż-żoni ħielsa, it-tranżitu, it-ħlasijiet, il-limiti tat-tariffi u s-Sistema Ġeneralizzata tal-Preferenzi (GSP - *Generalised System of Preferences*).

IL-POLITIKA SETTORJALI

• ***L-Agrikoltura*** – Saħħaħ l-istrutturi amministrattivi meħtieġa biex tkun implimentata politika tas-suq u ta' żvilupp rurali; waqqaf reġistru ta' l-għelieqi tad-dwieli skond l-istandards ta' l-UE. Kompli l-preparazzjonijiet għat-twaqqif ta' sistema amministrattiva u ta' kontroll li taħdem sew, u aġenzija tal-ħlasijiet skond ir-rekwiżiti ta' l-UE.
Kompli u tejjeb b'mod sostanzjali l-allinjament ma' l-*acquis* fis-setturi veterinarji u fitosanitarji, inkluża sistema għall-identifikazzjoni ta' l-annimali, it-trattament ta' l-iskart ta' l-annimali, il-modernizzazzjoni ta' l-impjanti tal-laħam u tal-prodotti tal-ħalib, programmi ta' kontroll tal-mard ta' l-annimali u l-ħarsien tal-pjanti; aġġorna b'mod sinifikanti l-istrutturi ta' spezzjoni.

• ***Is-sajd*** – Kompli waqqaf strutturi amminstrattivi xierqa u tagħmir biex tkun żgurata implimentazzjoni effettiva tal-politika tas-sajd, inkluża l-ġestjoni tar-riżorsi, l-ispezzjoni u l-kontroll ta' l-attivitajiet tas-sajd, il-politika tas-suq, il-programmi strutturali, reġistru tal-bastimenti tas-sajd u pjan ta' ġestjoni għall-kapaċità tal-flotta skond ir-riżorsi disponibbli ta' ħut.

• ***It-trasport*** – Kompli l-allinjament ma' l-*acquis* u żviluppa kapaċità amministrattiva adegwata fl-oqsma tat-trasport bit-triq (dispożizzjonijiet soċjali, tekiċi u fiskali), it-trasport bil-ferrovija (b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet ta' interoperabilità u l-allokazzjoni indipendenti tal-kapaċità) u t-trasport marittimu (b'mod partikolari fil-qasam tas-sigurtà marittima). Ilħaq l-allinjament sħiħ ma' l-*acquis* fil-qasam ta' l-avjazzjoni, fil-qafas ta' ftehim dwar il-parteċipazzjoni Kroata fis-suq komuni Ewropew ta' l-avjazzjoni.

• ***Unjoni ekonomika u monetarja*** – Kompli l-allinjament tal-leġiżlazzjoni li tirregola l-bank ċentrali. Tejjeb il-politika monetarja sabiex tespandi l-użu u l-effikaċja ta' strumenti monetarji orjentati lejn is-suq.

• ***Il-politika soċjali u l-impjiegi*** – Kompli l-allinjament ma' leġiżlazzjoni ta' l-UE fl-oqsma tas-saħħa u tas-sigurtà fuq ix-xogħol, il-liġi dwar ix-xogħol, it-trattament indaqs għan-nisa u għall-irġiel u kontra d-diskriminazzjoni; saħħaħ l-istrutturi amministrattivi relatati u dawk meħtieġa għall-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali.
Żviluppa u implimenta strateġija komprensiva għall-impjiegi li tinvolvi lill-atturi kollha rilevanti sabiex iktar tard ikun hemm parteċipazzjoni fl-Istrateġija Ewropea dwar l-Impjiegi, flimkien ma' bini ta' kapaċità xieraq għall-analiżi, għall-implimentazzjoni u għall-evalwazzjoni.
Żviluppa aktar il-kapaċità tas-sħab soċjali, b'mod partikolari fi djalogu soċjali bejn żewġ partijiet, biex ikun żviluppat u implimentat l-*acquis*.
Kompli l-allinjament tal-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa pubblika u żid l-investiment fil-kura tas-saħħa.

• ***L-enerġija*** – Kompli l-allinjament ma' l-*acquis* dwar is-suq intern ta' l-enerġija (l-elettriku u l-gass), tejjeb l-effiċjenza ta' l-enerġija, ippromwovi sorsi ta' enerġija rinnovabbli, ibni l-ħażniet taż-żejt biex tiżgura sigurtà adegwata ta' provvista, tiżgura s-sigurtà nukleari u l-ħarsien mir-radjazzjoni; saħħaħ il-kapaċità amministrattiva f'dawn l-oqsma kolha.

• ***L-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju*** – Kompli l-implimentazzjoni tal-Karta Ewropea għall-Intrapriżi ż-Żgħar. Issemplifika aktar il-proċeduri tar-reġistrazzjoni tal-kumpaniji.

• ***Ix-xjenza u r-riċerka*** – Saħħaħ il-kapaċità għar-riċerka u għall-iżvilupp teknoloġiku sabiex tiżgura parteċipazzjoni ta' suċċess fil-Programmi ta' Qafas Komunitarji.

• ***L-edukazzjoni u t-taħriġ*** – Żid l-isforzi biex toħloq sistema moderna ta' edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.

• ***It-teknoloġiji tat-telekomunikazzjoni u ta' l-informazzjoni*** – Adotta l-leġiżlazzjoni primarja u sekondarja meħtieġa sabiex jitlesta l-qafas regolatorju u introduċi l-kompetizzjoni fl-oqsma kollha. Adotta strateġija koerenti għall-promozzjoni ta' ekonomija msejsa fuq l-għarfien.

• ***Il-politika reġjonali u l-koordinazzjoni ta' l-istrumenti strutturali*** – Żgura tqassim ċar tar-responsabbiltajiet u koordinazzzjoni interministerjali effettiva sabiex tiżviluppa strateġija komprensiva u koerenti fil-qasam ta' l-iżvilupp reġjonali. Waqqaf strutturi ta' sħubija li jiżguraw kooperazzjoni mill-qrib bejn il-partijiet rilevanti li għandhom interess fuq livell nazzjonali u reġjonali.
Żgura li l-awtoritajiet maħtura tal-ġestjoni u tal-pagamenti se jibnu b'mod progressiv il-kapaċità tagħhom; fassal u implimenta pjanijiet ta' żvilupp reġjonali; tejjeb il-proċeduri ta' ġestjoni u kontroll finanzjarju; waqqaf sistemi xierqa ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni.

• ***L-ambjent*** – Żgura l-integrazzjoni tar-rekwiżiti għall-ħarsien ambjentali fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni ta' politika settorjali oħra sabiex jitħeġġeġ l-iżvilupp sostenibbli; implimenta leġiżlazzjoni orizzontali.
Kompli l-ħidma fuq it-traspożizzjoni ta' l-*acquis*, b'enfasi partikolari fuq l-amministrazzjoni ta' l-iskart, il-kwalità ta' l-ilma, il-kwalità ta' l-arja, il-ħarsien tan-natura u prevenzjoni u kontroll tat-tniġġis integrati. Żviluppa strateġija ta' investiment ambjentali bbażata fuq stimi ta' l-ispejjeż ta' allinjament. Żid l-investimenti f'infrastruttura ambjentali, b'enfasi partikolari fuq il-ġbir u t-trattament ta' l-ilma tad-drenaġġ, il-provvista ta' l-ilma tax-xorb u l-amministrazzjoni ta' l-iskart.

• ***Il-Ħarsien tal-Konsumatur u tas-Saħħa*** – Kompli l-allinjament ma' l-*acquis* dwar miżuri relatati mas-sigurtà u saħħaħ il-kapaċità amministrattiva meħtieġa għal sorveljanza effettiva tas-suq.

• ***Il-kontroll finanzjarju*** – Żviluppa qafas leġiżlattiv koerenti u mekkaniżmi effiċjenti għall-monitoraġġ, għall-kontroll u għall-verifika tad-dħul u tan-nefqa pubblika.
Żviluppa mekkaniżmi effettivi għall-komunikazzjoni lill-Kummissjoni ta' irregolaritajiet li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Komunità u waqqaf metodi meħtieġa ta' koordinazzjoni.

IL-KOOPERAZZJONI FIL-ĠUSTIZZJA U FL-AFFARIJIET INTERNI

• ***Il-ġestjoni tal-fruntieri*** – Saħħaħ il-kontroll tal-fruntieri, żviluppa *databases* u reġistri nazzjonali u żgura l-koordinazzjoni bejn is-servizzi rilevanti.

• ***Il-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni*** – Tejjeb it-tagħmir u l-infrastruttura tal-pulizija, inkluż it-twaqqif ta' sistema ta' investigazzjoni bbażata fuq il-kompjuter; saħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-pulizija u aġenziji oħrajn ta' l-infurzar tal-liġi; irrinforza l-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga, il-kriminalità organizzata, il-kriminalità ekonomika (inkluż il-ħasil u l-falsifikazzjoni tal-flus), il-frodi u l-korruzzjoni; tejjeb l-allinjament tal-leġiżlazzjoni nazzjonali relatata, ma' l-*acquis* f'dawn is-setturi.

4. L-IPPROGRAMMAR

L-għajnuna Komunitarja taħt il-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni lill-pajjiżi Balkani tal-Punent se tkun ipprovduta mill-istrumenti finanzjarji rilevanti, u b'mod partikolari mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2666/2000[2]; għalhekk din id-Deċiżjoni mhu se jkollha l-ebda implikazzjoni finanzjarja. Barra minn dan, il-Kroazja se jkollha aċċess għall-fondi minn programmi multinazzjonali u orizzontali. Il-Kummissjoni qed taħdem mal-Bank ta' l-Investiment Ewropew u ma' l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali, b'mod partikolari mal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u għall-Iżvilupp u mal-Bank Dinji, sabiex ikun iffaċilitat il-kofinanzjament tal-proġetti li għandhom x'jaqsmu mal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

5. IL-KONDIZZJONALITÀ

L-għajnuna Komunitarja taħt il-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni lill-pajjiżi Balkani tal-Punent tingħata bil-kondizzjoni li jsir aktar progress li jissodisfa l-kriterji politiċi ta' Kopenħagen, u b'mod partikolari progress li jintlaħqu l-prijoritajiet speċifiċi ta' din is-Sħubija Ewropea. In-nuqqas ta' rispett ta' dawn il-kondizzjonijiet ġenerali jista' jwassal lill-Kunsill sabiex jieħu miżuri xierqa fuq il-bażi ta' l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2666/2000.

L-għajnuna Komunitarja għandha tkun ukoll suġġetta għall-kondizzjonijiet li ġew iddefiniti mill-Kunsill fil-Konklużjonijiet tiegħu tad-29 ta' April 1997 u tal-21-22 ta' Gunju 1999, b'mod partikolari fejn għandhom x'jaqsmu l-wegħdi tar-riċevituri li jwettqu riformi demokratiċi, ekonomiċi u istituzzjonali.

6. IS-SORVELJANZA

Is-segwitu għas-Sħubija Ewropea hija żgurata permezz tal-mekkaniżmi li ġew stabbiliti taħt il-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u speċjalment ir-Rapporti Annwali dwar il-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

[2] ĠU L 306, 7.12.2000, p. 1.